**4 ta' Frar, 1994**

**Imħallef**

**Onor. Victor Caruana Colombo LL.D.**

Il-Pulizija
(Spt. Spiridione Bugeja)

*versus*

Joseph Grech Sant

## Dwana - Dazju - Importazzjoni - Ġawhar jew Ħaġar Prezzjuż

*Labra li tikkwalifika bħala ġawhra jew ħaġra prezzjuża jew semi-prezzjuża mhix eżenti mill-ħlas tad-dazju minħabba antikità.*

*Fi proċedimenti taħt l-Ordinanza tad-Dwana, jekk tinqala' kwistjoni dwar jekk oġġetti kinux ġew importati skond il-liġi, il-prova relattiva tmiss lill-imputat.*

Il-Qorti:-

Rat is-sentenza tas-17 ta' Novembru, 1992 li biha l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) sabet lill-imputat ħati li fis-6 ta' Jannar ta' l-1989 fl-ajruport ta' Ħal-Luqa naqas li jiddikjara lill-uffiċjali tad-Dwana l-oġġett muri fin-nota ta' qbid bin-numru 20/89, ta' valur ta' Lm2,000.00,0 u ta' dazju ta' Lm1,700.00,0 li l-importazzjoni tiegħu hi ristretta u d-dazju ma ġiex imħallas jew ikkawtelat u dan bi ksur ta' l-artikoli 60(a) (c) u l-artikoli 62(a) (b) (c) (f) (g) (h) (i) (k) u (m) ta' l-Ordinanza tad-Dwana, Kap 37, ikkundannatu ħamest elef u seba' mitt lira multa; u ordnat il-konfiska favur il-Gvern ta' l-oġġett indikat fin-nota ta' qbid numru 20/89;

Rat ir-rikors ta' l-appell li bih l-imputat talab ir-revoka ta' dik is-sentenza, il-liberazzjoni tiegħu mill-imputazzjoni u r-revoka ta' l-ordni msemmi ta' konfiska;

Rat l-atti l-oħrajn u kkunsidrat illi:

1. Irriżulta li fis-6 ta' Jannar, 1989 l-imputat appellant wasal Malta bl-ajru mill-Ingilterra. Fid-Dwana, għall-mistoqsija jekk kellux x'jiddikjara, l-appellant wieġeb fis-sens li kellu rigali u affarijiet personali, jew, kif xehed hu, li ma kellu xejn speċjali x'jiddikjara. In segwitu l-uffiċjali tad-dwana fittxewlu, u fil-but tal-ġakketta sabulu labra tad-djamanti tal-valur ta' elfejn lira Maltija. Allura saret l-azzjoni odjerna;

2. L-aggravju ta' l-appellant għas-sentenza msemmija huwa li ma kien tenut iħallas ebda dazju għall-importazzjoni ta' dik il-labra, l-ewwel nett għaliex kien ħarigħa minn Malta meta kien siefer u issa kien qiegħed jirritorna biha Malta,u t-tieni nett għaliex l-istess labra kienet antika b'iktar minn mitt sena;

3. Għall-konvenjenza ser tiġi ttrattata l-ewwel l-eċċezzjoni ta' l-imputat, is-sollevata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati fit-23 ta' April, 1991, li l-labra in kwistjoni kienet antika iktar minn mitt sena u għalhekk mhix dazjabbli;

4. Mill-verbali rreġistrati jirriżulta li l-appellant, l-uffiċjal Prosekutur u l-istess Qorti ttrattaw din l-eċċezzjoni bħallikieku tinkwadra ruħha fis-sezzjoni XXI Kapitolu 97 ta' l-Att XXXV ta' l-1989 dwar id-Dazju ta' l-Importazzjoni. Jiġi rrilevat li dan l-Att XXXV/1989 beda jseħħ fl-1 ta' Jannar 1990, ċjoè wara s-6 ta' Jannar 1989 meta ġie allegatament kommess ir-reat dedott. Għalhekk dan l-att mhux applikabbli għall-każ odjern;

5. Disposizzjoni korrispondenti, jekk mhux għal kollox identika, għal dik fuq imsemmija, kienet tinsab fl-Ewwel Skeda, Sezzjoni XXI, Kapitolu 99 ta' l-Att XXXV ta' l-1976 dwar id-Dazji ta' l-Importazzjoni, li kien *in vigore* f' Jannar, 1989. Dawn is-Sezzjoni u Kapitolu huma intestati "Xogħlijiet ta' l-Arti, Oġġetti għall-Kollezzjoni u Antikitajiet." Fil-paragrafi 99.01, 99.02 u 99.03 li jittrattaw minn pittura, disinji, eċċetra, inċizzjonijiet, stampi u litografiji, u skultura u statwi ta' dawn is-Sezzjoni u Kapitolu hemm dispost li oġġetti ta' l-arti li jgħoddu iżjed minn mitt sena, iċċertifikati li huma hekk mid-Direttur tal-Mużew Nazzjonali ta' Malta mhumiex dazjabbli. *A tenur* ta' din id-disposizzjoni, fuq it-talba tal-Prosekuzzjoni, l-ewwel Qorti nnominat lid-Direttur tal-Mużewijiet biex jiċċertifika kemm ilha manufatturata l-labra in kwistjoni. Fuq dan l-inkarigu d-Direttur

tal-Mużew iddikjara lill-ewwel Qorti li hu ma kienx il-persuna idonea biex tirrilaxxja ċ-ċertifikat mitlub billi ma kienx jifhem fil-materja. F'din is-sitwazzjoni l-ewwel Qorti ċaħdet l-eċċezzjoni ta' l-imputat. L-appellant, fir-rikors tiegħu talab li din l-eċċezzjoni tiġi akkolta minn din il-Qorti ta' l-appell;

6. Kif intqal fil-paragrafu preċedenti, is-Sezzjoni u l-Kapitolu ċċitati fl-ewwel istanza jirrigwardaw pitturi, inċiżjonijiet u skulturi u oġġetti simili. Il-labra meritu ta' l-azzjoni preżenti mhix kompriża f'dawn l-oġġetti. *Di fatti* in-Nota 1(c) tal-Kapitolu ċċitat tiddisponi espressament li dan il-Kapitolu ma jinkludix ġawhar jew ħaġar prezzjuż;

7. Il-labra tidħol taħt is-Sotto-Kapitolu I tal-Kapitolu 70 ta' l-ewwel Skeda ta' l-Att XXXV ta' l-1976. Dan huwa intitolat "Gawhar u Ħaġar Prezzjuż u Semi-Prezzjuż". Ebda oġġett kompriż f'dan is-*sotto* Kapitolu ma hu eżenti mid-dazju minħabba li hu antik. Il-labra tista' tidħol ukoll taħt is-Sotto-Kapitolu III tal-Kapitolu msemmi. Anki f'dan il-każ, mhix eżenti mill-ħlas tad-dazju minħabba antikità;

8. Għar-raġunijiet premessi, l-antikità *o meno* tal-labra hija irrelevanti għall-fini ta' jekk hix soġġetta jew le għall-ħlas tad-dazju, u l-eċċezzjoni in eżami mhijiex sostenibbli;

9. L-appellant jissottometti li l-labra ma kinitx soġġetta għall-ħlas tad-dazju billi kien ħariġha minn Malta qabel ma reġa' daħħalha fis-6 ta' Jannar, 1989. Rigward din is-sottomissjoni, is-segwenti ċirkostanzi huma relevanti;

(a) X'ħin kien id-Dwana, l-appellant iddikjara li ma kellu xejn speċjali x'jiddikjara. Mhux verosimili li labra tad-djamanti

stmata elfejn lira tiġi ġenwinament ikkonsidrata bħala xejn speċjali;

(b) X'ħin l-uffiċjali tad-Dwana skoprew il-labra fil-but tal-ġlekk ta' l-appellant, dan qalilhom li kien xtraha minn Malta. Qalilhom li d-dar tiegħu kellu r-riċevuta relativa għall-akkwist tagħha. L-appellant ma pproduċiex din ir-riċevuta;

(c) L-imputat xehed li dik il-labra kienet antika, kienet ġiet mogħtija lil martu, kienet ilha għand martu għal żmien twil, għal madwar għoxrin sena. Kompla jixhed li l-labra kienet wirt tal-familja u għaddiet għand martu mingħand missierha jew ommha. Ovvjament ix-xhieda ta' l-imputat mhix l-aħjar prova dwar din iċ-ċirkostanza. Ta' min ifakkar f'dan l-istadju, li l-artikolu 77 tal-Kapitolu 37, jiddisponi li fi proċedimenti bħall-preżenti, jekk tinqala' kwistjoni dwar jekk oġġetti kinux ġew importati skond il-liġi, il-prova relattiva tmiss lill-imputat;

(d) Mistoqsi mill-ewwel Qorti jekk kienx jiftakar minn fejn kienu xtraw dik il-labra, l-imputat wieġeb fix-xhieda tiegħu: "Jiena naħseb li din il-*brooch* kienet għand il-familja tal-mara ."

10. Iċ-ċirkostanzi premessi ma jistgħux iħallu dubbju raġonevoli dwar il-ħtija ta' l-appellant;

Għall-motivi premessi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.